MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Rikors Generali Numru. 36/2011

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ A B fejn dan, ghal ragunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex tvarja l-access stabbilit permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fil-15 ta’ Ottubru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta ta’ C D li, opponiet ghat-talbiet tar-rikorrent.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qed jitlob varjazzjoni fil-modalitajiet tal-access kif decizi f’sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2008. L-intimata tecepixxa preliminarjament in-nullita’ tal-proceduri ghar-raguni li t-talbiet messhom saru f’kawza wara procedura ta’ medjazzjoni. L-intimata mbaghad tirreplika, f’dan il-kuntest, illi, galadarba r-rikorrenti jghix barra minn Malta m’hijiex attwabbli procedura ta’ medjazzjoni.

Ikkunsidrat illi l-Art. 9 tal-A.L. 397 tal-2003 jipprovdi illi:

“*9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:*

*a. Nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta’ uliedhom; jew*

*b. Manteniment bejn il-konjugi; jew*

*c. Bidliet f’kull haga regolata minn sentenza ta’ firda personali jew minn kuntratt ta’ firda personali; jew*

*d. Tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta’ dan is-subregolament;*

*Dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x’inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m’hemm f’dik id-dispozizzjoni.*

*(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.*”

Huwa minnu illi dawn il-Qrati, gieli kellhom okkazjonijiet fejn awtorizzaw li jinbdew proceduri minghajr il-htiega ta’ medjazzjoni. Madanakollu dan isir meta m’huwiex fattibbli

li tniedi medjazzjoni. Lanqas m'huwa korrett ir-rikorrenti meta jghid li l-procedura ta' "cross-border mediation" m'hijiex possibli f'Malta. Hija possibli u gieli saret.

Ic-cirkostanzi ta' dawn il-partijiet huma ben diversi. Ir-rikorrenti jigi Malta spiss biex jara lil bintu. Il-mezzi tieghu ma jidhrux mankanti. Il-Qorti tikkonsidra li jkun possibli ghall-partijiet iniedu procedura ta' medjazzjoni u jiddedikaw ftit granet minn xi mawra tar-rikorrenti f'Malta biex jittentaw jaslu ghall-ftehim bejniethom dwar l-access. Jekk dan ma jkollu ebda rizultat, il-Qorti tkun tista' tawtorizza li jinfethu proceduri "ad hoc" permezz ta' rikors guramentat kif previst mil-ligi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tillibera l-intimata mill-osservanza tal-gudizzju stante nullita' tal-proceduri.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------